# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Marzu, 2022.**

**Numru 2**

**Rikors numru 20/15/3 JVC**

**Ganni Attard**

**v.**

**Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali (Għawdex)**

1. Din is-sentenza tindirizza l-appell li ppreżenta l-attur mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Ġenerali tal-15 ta' Mejju 2018 li biha ċaħdet it-talba ta' ritassa tal-kawża **Ganni Attard v. Dr. Frank Galea** (20/2015) deċiża fis-17 ta' Ottubru, 2017.

2. Il-fatti tal-każ in eżami huma li fil-kawża **Ganni Attard v. Dr. Frank Galea** (rikors numru 20/2015) l-attur talab ukoll lill-Qorti biex tillikwida d-danni għaliex qiegħed isostni li l-konvenut hu responsabbli talli naqas milli fost affarijiet oħra jirreġistra l-merħla nagħaġ tal-attur u li minħabba n-nuqqas tiegħu l-awtoritajiet qatluhom, kif ukoll talab li l-konvenut jiġi kundannat iħallas id-danni likwidati. Kawża li nqatgħet kontra l-attur bl-ispejjeż permezz ta' sentenza li ngħatat fis-17 ta' Ottubru 2017 u li dwarha hemm appell pendenti. Meta r-Reġistratur ġie biex jintaxxa d-dritt tal-avukat f'dik il-kawża, għamel il-kalkoli fuq is-somma ta' €1,521,805. Ċifra li l-attur iddikjara fil-mandat ta' sekwestru 57/2015 fl-istess ismijiet u li talab il-ħruġ tiegħu bħala garanzija għall-pretensjoni li għandu kontra Dr. Galea. Fis-27 ta' Ottubru 2017 ir-Reġistratur ħareġ taxxa uffiċjali dwar dik il-kawża fejn l-ispejjeż tal-attur ġew likwidati fl-ammont ta' €17,846.55 u dawk tal-konvenut fl-ammont ta' €22,063.94. Għal dak li hu dritt tar-reġistru fuq ir-rikors maħluf, l-ammont dovut mill-attur ġiet intaxxata s-somma ta' €827.20 filwaqt li d-dritt tal-avukati (taż-żewġ partijiet) ġie ntaxxat fl-ammont ta' €15,840 għal kull avukat. Dritt kalkolat fuq dik is-somma ta' danni dikjarata fil-mandat ta' sekwestru (ara notament tar-Reġistratur fuq il-qoxra tal-kawża **Ganni Attard v. Dr. Frank Galea**, numru 20/2015).

3. Permezz ta' rikors preżentat fl-24 ta' Novembru 2017, l-attur talab *ai termini* tal-Art. 64 tal-Kap. 12 sabiex il-Qorti tħassar it-taxxa li saret mir-Reġistratur. L-attur ilmenta:

> *"Illi d-Dritt Avukat intaxxat permezz tat-taxxa relattiva ġie intaxxat għall-ammont ta' ħmistax-il elf, tmien mija u erbgħin Euro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€15,840.46) liema ammont apparentement ġie maħdum fuq ċifra li ma tirriżultax mill-atti tal-kawża"*.

4. B'sentenza tal-15 ta' Mejju 2018 l-ewwel Qorti ddeċidiet hekk:

> *"Illi għaldaqstant it-taxxa tal-ispejjeż u drittijiet ġudizzjarji maħruġa mir-reġistratur intimat fil-kawża fl-ismijiet Ganni Attard vs Dr Frank Galea (Rik. Gur. Nru. 20/2015) saret korrettement u skont il-liġi rrilevantement (recte, irrispettivament) minn dak li ġie dikjarat mill-konvenut Galea fl-aħħar verbal fir-rigward tat-taxxa oltre s-somma ta' miljun u nofs Euro (€1,500,000)"*.

5. L-ewwel Qorti rraġunat li:

> *"Rat mid-dokument a fol. 880 tal-process 20/2015 illi l-ammont ta' likwidazzjoni ta' danni ai fini ta' taxxa ttiehed minn risposta tal-istess attur fl-atti a fol. 62 tal-istess process fejn jinghad kif isegwi:*
>
> *'B'hekk allura b'semplici multiplikazzjoni tas-snin imcahhda lill-esponenti bit-total tan-naghag u bil-produzzjoni medja ta' kull naghga, l-ammont ta' miljun, hames mija u wiehed u ghoxrin elf, tmien mija u hames Euro u hamsin centezmu (€1,521,805.50) huwa relattivament baxx u ma jkoprix l-ammont kollu li ghandu jigi likwidat permezz tal-kawza odjerna.'*
>
> *Tinnota li ghalkemm huwa minnu li l-Qorti finalment ma laqghetx it-talbiet tal-attur, li kieku l-kawza giet deciza mod iehor u l-Qorti kellha tghaddi sabiex tillikwida d-danni s-soffert mill-attur, l-istess Qorti kellha ddur bilfors fuq dan id-dokument u dokumenti ohra fl-atti tal-mandat fejn tissemma' l-likwidazzjoni tad-danni stante li fis-sottomissjonijiet finali tieghu l-attur ma ghamel l-ebda kalkolu iehor tant li lanqas ittenta jaghmel likwidazzjoni ta' danni differenti minn dik esposta fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kif ukoll fl-istess process kif huwa evidenti minn dak espost minnu stess a fol. 62 tal-process.*

*Illi kien x'kien l-ezitu tar-rikors sabiex jigi revokat il-mandat ta' sekwestru liema proceduri jkunu dejjem decizi fuq bazi prima facie u setghu facilment jigu decizi mod iehor, jibqa' l-fatt li sal-ahhar tal-kawza l-attur baqa' dejjem jippretendi s-somma ndikata a fol. 62 tal-process u qatt ma rtira tali pretensjoni fl-atti.*

*Bl-applikazzjoni tal-principji delineati ghall-kaz in dizamina jirrizulta li t-talba tar-rikorrenti fir-rikors promotur kienet sabiex la darba din il-Qorti tilqa' l-ewwel u t-tieni talbiet attrici allura tghaddi sabiex tillikwida l-ammont ta' danni, danni morali u telf ta' qliegh rizultanti min-nuqqasijiet allegati tal-konvenut. Fi kliem l-istess attur a fol. 62 tal-process li kieku l-Qorti waslet sal-istadju li tillikwida d-danni sofferti mill-attur u cioe' li kieku ma cahditx l-ewwel u t-tieni talbiet attrici, l-ammont ta' miljun, hames mija u wiehed u ghoxrin elf, tmien mija u hames Euro u hamsin centezmu (€1,521,805.50) kien ammont 'relattivament baxx' u din il-Qorti kellha tillikwida sahansitra ammont akbar minn hekk.*

*Jirrizulta ghalhekk lil din il-Qorti li apparti l-ewwel zewg talbiet dikjaratorji dwar ir-responsabbilta tal-konvenut, il-litis contestatio bejn il-partijiet kienet certament l-ammont ta' danni pretizi sabiex jigu likwidati liema ammont kien car daqs il-kristall lill-partijiet kollha u l-Qorti sa mill- bidu tal-kawza u cioe' li l-attur kien qed jippretendi xejn anqas minn miljun u nofs euro (€1,500,000) anzi skont kliemu a fol. 62 tal-process kien qed jippretendi aktar minn hekk. Huwa car li l-oggett tat-tielet talba tal-attur kien dan l-ammont pretiz jekk mhux aktar u ghalhekk indipendentement mill-fatt jekk it-talbiet tal-attur gewx akkolti jew le, jirrizulta li l-valur huwa facilment determinabbli mill-process u ai termini ta' gurisprudenza dan huwa bizzejjed sabiex ir-registratur intimat jghaddi sabiex jahdem it-taxxa fuq l-istess valur.*

*In oltre l-Qorti tqis li d-drittijiet u spejjez gudizzjarji kellhom bilfors jigu ntaxxati fuq il-valur pretiz mill-attur ai termini tat-tielet talba tieghu kif indikat fl-atti u dan stante li ma jirrizulta l-ebda valur iehor fl-atti wisq anqas giet irtirata l-pretensjoni fuq is-somma ndikata a fol. 62 tal-process mill-attur. L-ammont ta' miljun hames mija u wiehed u ghoxrin elf, tmien mija u hames Euro u hamsin centezmu (€1,521,805.50) jirraprezenta l-minimu tal-valur li realistikament l-attur deher car li kien qed jippretendi li kieku l-kawza giet deciza favur tieghu.*

*Illi ghaldaqstant it-taxxa tal-ispejjez u drittijiet gudizzjarji mahruga mir-registratur intimat fil-kawza fl-ismijiet Ganni Attard vs. Dr. Frank Galea (Rik Gur Nru 20/2015) saret korrettement u skont il-ligi rrilevantement minn dak li gie dikjarat mill-konvenut Galea fl-ahhar verbal fir-rigward tat-taxxa oltre s-somma ta' miljun u nofs Euro (€1,500,000)".*

6. B'rikors preżentat fl-4 ta' Ġunju 2018 l-attur appella mis-sentenza bl-ilment ikun li l-ewwel Qorti applikat b'mod żbaljat paragrafu 13 ta' Tariffa E tal-

Kap 12. L-attur isostni li f'dan il-każ fit-talbiet magħmula fir-rikors maħluf ma saritx talba għall-ħlas ta' somma determinata. Kompla li għalkemm ippreżenta mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra l-konvenut fil-kawża 20/2015 u ddikjara l-ammont pretiż minnu, dik id-dikjarazzjoni mhijiex riflessa fit-talbiet tar-rikors maħluf. Mandat li eventwalment tħassar mill-Qorti.

7. Il-konvenut wieġeb u ta r-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell.

8. Wara li l-Qorti qrat l-atti taqbel mar-raġunament tal-ewwel Qorti meta tikkonsidra li:

i. Għalkemm il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 57/2015 kien tħassar, dan sar wara eżami *prima facie* mill-ewwel Qorti. Fl-ebda stadju tal-kawża l-attur ma ddikjara li ma kienx baqa' jippretendi bħala danni s-somma flus li ddikjara fir-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru.

ii. Il-fatt li t-tieni talba tar-rikors maħluf kienet sabiex il-Qorti tillikwida d-danni, ma jfissirx li r-Reġistratur ma kellux jintaxxa *ad valorem*.

iii. Il-pretensjoni tal-attur fil-kawża kienet għall-ħlas ta' iktar minn €1,500,000. Dan jirriżulta bl-iktar mod ċar a fol. 62 tal-kawża **Ganni**

**Attard v. Dr. Frank Galea** (20/2015). Fil-fatt fit-tweġiba li l-attur ippreżenta għar-rikors li bih Dr. Frank Galea talab ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, iddikjara li *"B'hekk allura b'sempliċi multiplikazzjoni tas-snin mcaħħda lill-esponenti bit-total tan-nagħaġ u bil-produzzjoni mejda ta' kull nagħġa, l-ammont ta' miljun, hames mija u wieħed u għoxrin elf, tmien mija u ħames euro u ħamsin ċenteżmu (€1,521,805.50) huwa relattivament baxx u ma jkoprix l-ammont kollu li għandu jiġi likwidat permezz tal-kawża odjerna"*. Pretensjoni li ma jirriżultax li l-attur naqqas waqt is-smigħ tal-kawża quddiem l-ewwel Qorti. Rilevanti wkoll li r-rikors għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru u tweġiba jinsabu fil-proċess tal-kawża 20/2015. Hu għalhekk żbaljat l-attur meta jilmenta li l-ammont ta' danni li jippretendi ma jirriżultax mill-atti tal-kawża 20/2015.

iv. Il-ħlas ta' dritt lill-avukati difensuri fil-kawża ma jiddependix mill-fatt li tingħata sentenza li biha konvenut jiġi kundannat iħallas somma determinata. F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim' Awla fl-ismijiet **Avv. Dr. Giuseppe Pace et v. Avv. Dr. Giuseppe Vella et tal-1 ta' Ottubru 1948**, fejn intqal:

> *"Illi huwa paċifikament ammess mill-Qrati Tagħna li t-tassazzjoni tal-kawżi għandha tiġi regolata mit-talba kontenuta fl-att taċ-ċitazzjoni, mhux fis-sens limitat għas-sempliċi inkartament, iżda fis-sens tal-oġġett tagħha; u f'dana s-sens il-kumpless ta' dak li huwa in kontestazzjoni, jew dak li huwa in disputa ('quod disputatum est'), jista' jiġi raġonevolment indott jew determinat minn dak li jkun jirriżulta waqt id-dibattitu u trattazzjoni tal-istess kawża, imma mhux minn dak li lilha jkun irid jiġi attribwit, <u>indipendentement mill-fatt jekk it-talbiet li jiġu proposti</u>*

> *jkunux akkolti jew miċħuda (ara Appell Dr Souchet vs Registratore Giovanni Xuereb, Vol. XII.41 tas-16 ta' Novembru 1888; Prim'Awla Ċivili 30 ta' Ġunju 1896, Dr Messina vs Carmelo Borg et altri, Vol. XV.547; Prim'Awla Ċivili 8 ta' Lulju 1903, Raffaele Debono vs Muscat noe, Vol. XVIII.ii.345; u oħrajn)"*

Ukoll jekk Qorti tiċħad it-talba tal-attur għal-likwidazzjoni ta' danni, l-avukat hu xorta ntitolat għal dritt li jiġi ntaxxat skont dak li jipprovdi paragrafu 13 ta' Tariffa 'E' tal-Kap. 12. F'dan ir-rigward paragrafu 14 ta' Tariffa 'E' tal-Kap. 12 jipprovdi li, *"14. Meta dikjarazzjoni li jkun fiha deċiżjoni ta' xi punt ta' liġi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-liġi jew mill-proċess, id-dritt relattivament għal dik id-deċiżjoni jkun intaxxat skont il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit"*. It-talba għal-likwidazzjoni tad-danni għandha x'taqsam ma' valur determinabbli skont dak li jirriżulta mill-proċess, kif spjegat hawn fuq. Għalhekk it-taxxa *ad valorem* tista' ssir mhux biss minn dak li jirriżulta mir-rikors maħluf imma wkoll minn tagħrif li jinsab fl-atti.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjeż kontra l-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm